MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 272/2021 LM

**Dr. Carol Peralta (K.I. numru 661152(M))**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Crosscraft Company Limited (C 6078)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Crosscraft Company Limited (C 6078)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija fit-8 ta' April, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fejn iddeċieda t-

talbiet tar-rikorrent **Dr. Carol Peralta (K.I. numru 661152(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellati'] fil-konfront tagħha kif ġej:

> *"Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tal-attur għall-ammont ta' ħames mija u sitta u għoxrin Ewro (Eur 526) għall-ħsarat reali sofferti mill-attur minħabba n-negligenza tas-soċjetà konvenuta.*
>
> *It-Tribunal jiċħad it-talba rikonvenzjonali għar-raġunijiet premessi hawn fuq.*
>
> *L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tas-soċjetà konvenuta."*

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw *fridge-freezer* tal-għamla *Whirlpool,* li l-appellat kien xtara mill-esteru waqt li huwa kien għamel xi żmien jaħdem hemm. Wara li kien reġa' lura Malta, u ġab ukoll miegħu l-imsemmija *fridge-freezer,* l-*ice-machine* tagħha ma kinitx qiegħda taħdem sew, u huwa nkariga lis-soċjetà appellanta sabiex tagħmel it-tiswijiet neċessarji. Inbiddlet il-*motherboard* tagħha fil-5 ta' Mejju, 2021, u reġgħet bdiet taħdem sew, iżda xi xahrejn wara, l-appellat sab li l-*fridge-freezer* kienet nixxiet l-ilma minn taħtha, u għalhekk reġa' talab lis-soċjetà appellanta tagħmel dak li kien hemm bżonn sabiex il-problema tiġi riżolta. Is-soċjetà appellanta għamlet spezzjoni tal-*fridge-freezer* fis-6 ta' Lulju, 2021, u nstab li l-*housing* tal-*filter* tagħha li qiegħed fin-naħa ta' isfel, kien qiegħed iqattar l-ilma.

**Mertu**

3. Fit-22 ta' Settembru, 2021, l-appellat istitwixxa l-proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' Avviż tat-Talba, fejn talab li s-soċjetà appellanta tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' ħames mija sitta u sebgħin

Euro (€576.00), rappreżentanti danni u ħsarat li sofra fil-proprjetà tiegħu riżultat tat-tnixxija tal-ilma mill-*fridge-freezer* tiegħu.

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fil-5 ta' Novembru, 2021, fejn ssottomettiet li l-ħsara li wasslet sabiex iqattar l-ilma mill-*fridge-freezer,* kienet fil-*housing* tal-*filter* tal-ilma, u mhux fl-*ice-machine.* Għalhekk hija kienet ftehmet mal-appellat li huwa kellu jħallas għall- *on-site inspection* li saret mit-*technicians* tagħha f'żewġ okkażjonijiet. Madankollu l-appellat irrifjuta li jħallas, u għalhekk hija ppreżentat kontestwalment kontro-talba għall-ħlas ta' tmenin Euro (€80.00).

5. Fit-tweġiba tiegħu tal-21 ta' Diċembru, 2021, l-appellat eċċepixxa li t-talbiet rikonvenzjonali tas-soċjetà appellanta kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt, u għaldaqstant kellhom jiġu miċħuda.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"**<u>Ikkunsidra</u>***
>
> *Jidher ċar illi mhux kontestat bejn il-partijiet illi s-soċjetà konvenuta żaret il-post tal-attur fejn kien hemm il-*fridge-freezer *sabiex isiru t-tiswijiet neċessarji fuq il-*fridge-freezer *peress illi l-*ice machine *ma kinitx qed tiffunzjona sew.*
>
> *Ma hemm anqas kontestazzjoni bejn il-partijiet illi saru tiswijiet fuq il-*motherboard *tal-imsemmija* ice machine *u li l-attur ħallas għal tali spejjeż.*
>
> *Il-punt ta' diżgwid bejn il-partijiet hu jekk is-soċjetà konvenuta wettqitx xogħolha sew meta saru t-tiswijiet fuq l-ice machine ta' din il-*fridge-freezer *minħabba l-fatt illi l-*housing *tal-*filter *tal-ilma jidher illi kien maqsum u kien qed jagħmel l-ilma.*

*Fl-ewwel lok, f'dan ir-rigward, dan it-Tribunal jinnota illi għall-attur, tali* housing *tal-*filter *tal-ilma hu ħaġa waħda mal-*ice machine *filwaqt illi għas-soċjetà konvenuta, tali* housing filter *tal-ilma ma hux direttament konness mal-*ice machine*.*

*Biss però, Tony Manevski xehed fit-3 ta' Mejju 2022, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 27, illi*

"It-Tribunal: So. The first time you went to try and see what the issue is, and you saw what?
Xhud: Yes, ok. So we start at first with defrosting the appliance, ok? …They will freeze the pipe and then the water it won't go inside because of that; so for a step of solving that issue is first obviously defrosting the pipe.
It-Tribunal: And was there that issue?
Xhud: Sorry?
It-Tribunal: Was there that issue?
Xhud: We cannot know because the pipe it will be inside in a foam extension foam."

*B'dan illi għaldaqstant, tali xhieda turi illi l-*housing filter *tal-ilma hu konness mal-*ice machine *u jekk wieħed jisħaq illi għandu l-ħsara fl-*ice machine*, jidher illi l-ewwel ħaġa li jagħmel* technician *hi li jiċċekja il-*filters*.*

*Tant hu minnu li tali* housing *tal-*filters *hu konness mal-*ice machine *illi Kenneth Francica, fl-email tiegħu datata 15 ta' Lulju 2021, u li kopja tagħha tinsab a fol. 60, illi hu informa lill-attur illi "*The filter housing is connected to the ice maker and coffee machine too." *Anke f'email oħra mibgħuta lill-attur minn Kenneth Francica, u liema kopja tinsab a fol. 62, jgħid illi "*The water filter supplies water to the appliance."

*B'dan illi allura jidher ċar illi ħsara fil-*housing pipe *huwa konness mal-*ice machine *u għal persuna illi ma tkunx teknika ma tistax tgħid minn fejn tkun ġejja l-ħsara imma sempliċiment tista' biss tirreferi għal dak li hi tara b'għajnejha li ma jkunx qed jaħdem u li s-soltu jkun jaħdem.*

*It-tieni punt hu jekk it-*technician *setax jinduna illi l-ħsara kienet ġejja wkoll mill-*housing filter*, apparti mill-*motherboard*. F'dan ir-rigward, dan it-Tribunal ser jerġa' jirreferi għax-xhieda ta' Tony Manevski datata 3 ta' Mejju 2022, u li hi riprodotta iktar 'il fuq, fejn it-*technician *qal illi wieħed jibda sabiex iħares lejn il-*housing pipe *sabiex jiddetermina l-ħsarat u kompla jgħid f'dan ir-rigward illi "*We cannot know because the pipe it will be inside in a foam extension foam" *(a fol. 27). B'dan illi allura dan it-Tribunal jaqbel mat-teżi tal-attur illi t-*technician *naqas b'negliġenza meta ma ndunax bit-tali ħsarat ġjaladarba t-technician kellu jkun ċert li tali ħsara ma kinitx ġejja mill-*housing pipe*, u liema* technician *hu impjegat tas-soċjetà konvenuta b'dan illi għaldaqstant, is-soċjetà konvenuta kienet negliġenti f'xogħolha b'dan illi s-soċjetà*

*konvenuta hi responsabbli għall-ħaddiema tagħha, hekk kif inhu pprovdut mill-Artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan it-tali Artikolu, u ukoll spjegazzjoni ta' inkompetenza ta' ħaddiem, ġew diskussi mill-Qrati tagħna diversi drabi, fosthom fis-sentenza* **Donald Attard ID 302858M vs Emmanuel Micallef ID 835553M Master Properties Ltd (C 63604) Ludwig Dimech f'ismu proprja u għan-nom u in rappreżentanza ta' LK Limited**. *(fn. 1: 15 ta' Ġunju 2023, Qorti Ċivili Prim'Awla, Ref.: 964/2019)*

*Ġjaladarba ġie stabbilit illi tali ilma ħareġ mill-*fridge-freezer *minħabba l-ħsarat fl-*ice machine *u ċioe' mill-*housing pipe *u b'dan illi s-soċjetà konvenuta ma wettqitx xogħolha skont is-sengħa u l-arti, issa dan it-Tribunal irid jistabbilixxi l-estent tal-ħsarat illi saru fil-proprjetà tal-attur. It-tielet punt allura illi dan it-Tribunal irid jiddeċiedi hu fuq il-ħsarat illi sofra l-attur fil-proprjetà tiegħu. Charles Hallett xehed fit-3 ta' Mejju 2022 illi hu ra li l-ħajt kien imxarrab u kkonferma wkoll illi tali ilma kien ħareġ minn taħt il-*fridge freezer *liema* appliance *hija l-punt ta' kontestazzjoni (a fol. 34) u anke illi saru xi ħsarat fl-inkwatri, hekk skont kif kien infurmah l-attur (a fol. 34). F'dan ir-rigward, l-attur ippreżenta kopja tal-irċevuta illi tinsab a fol. 21 u 22 fejn turi illi kellha ssir restawrazzjoni fuq xi pitturi minħabba li kienu soffrew danni minħabba li kien hemm xi ilma li ppenetra u nxtorob mill-pitturi. Tali irċevuta hi għall-ammont ta' erba' mija u sitta u sittin Ewro (Eur 466). B'dan illi ma hemm ebda kontestazzjoni illi s-soċjetà konvenuta hi obbligata illi tirrifondi dan l-imsemmi ammont lill-attur ġjaldarba ġie stabbilit iktar 'il fuq illi tali ħsarat kienu kkaġunati minħabba n-negliġenza tas-soċjetà konvenuta.*

*L-attur ukoll jirreferi fl-affidavit tiegħu, u li jinsab a fol. 19 u 20, illi kien hemm statwa tat-tafal illi din tmermret bl-ilma u kien xtraha fl-ammont ta' sittin Ewro (Eur 60). F'dan ir-rigward, is-soċjetà konvenuta ma ressqet ebda prova sabiex tirribatti tali ammont fejn straħet kompletament fuq l-affidavit tal-attur. B'dan illi għaldaqstant, dan it-Tribunal jemmen it-teżi tal-attur u li ġġarfet ukoll statwa li kienet tal-ammont ta' sittin Ewro (Eur 60) minħabba l-ilma li ħareġ mill-*fridge-freezer *u ċioe' mill-ice machine minħabba l-*housing pipe.

*B'dan illi, għaldaqstant, dan it-Tribunal hu tal-fehma illi s-soċjetà konvenuta trid tħallas lill-attur is-somma ta'* ***ħames mija u sitta u għoxrin Ewro (Eur 526)*** *għall-ħsarat reali sofferti mill-attur minħabba n-negliġenza tas-soċjetà konvenuta, u dan l-ammont inħadem skont l-Artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

> ***Talba rikonvenzjonali***
>
> *Is-soċjetà konvenuta qed tikkontendi illi għandha titħallas l-ammont ta' tmenin Ewro (Eur 80) għal* on-site inspection *illi saret minn żewġ persuni fir-residenza tal-attur fuq il-*fridge-freezer *fir-rigward tal-*ice machine *u ċioe' il-*housing pipe.
>
> *Jidher però, hekk kif inhu diskuss iktar 'il fuq, illi s-soċjetà konvenuta kienet negliġenti f'xogħolha li wettqet fuq il-*fridge-freezer *fir-rigward tal-*ice machine *u ċioe' il-*housing pipe *b'dan illi għandu jkun applikabbli l-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'dan illi l-attur ma hux responsabbli għall-ħlasijiet tal-imsemmija* on-site inspection *lis-soċjetà konvenuta.*
>
> *B'dan illi għaldaqstant it-Tribunal jiċħad it-talba rikonvenzjonali."*

## **L-Appell**

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fid-29 ta' April, 2024, fejn qiegħda titlobha sabiex:

> *"...takkolji dan l-umli appell billi tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Tribunal għal Talbiet Żgħar fit-8 ta' April 2024 fit-talba numru 272/2021 IS fl-ismijiet* Dr Carol Peralta vs Crosscraft Company Limited, *u minflok tiċħad it-talbiet kollha attriċi hekk kif dedotti fl-att promotur wara li tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha konvenuti appellanti, bl-ispejjeż kemm dawk ta' quddiem l-Onorabbli Tribunal għal Talbiet Żgħar, kif ukoll dawk quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell, a karigu tal-istess rikorrenti, illum appellati."*

Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li t-Tribunal ma kienx ekwu u ġust, għaliex mill-provi kien jirriżulta li ma kien hemm l-ebda ness bejn it-tiswijiet li saru fl-*ice-machine* li hija kienet eżegwiet, u l-ħsara fil-*filter* tal-ilma li żviluppat xahrejn wara l-imsemmija tiswijiet.

7. L-appellat wieġeb fil-11 ta' Ġunju, 2024, fejn talab sabiex din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, filwaqt li tiċħad l-appell odjern.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, u meħudin ukoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-appellat.

9. Is-soċjetà appellanta qiegħda tikkontendi li t-Tribunal ma kienx ġust u ekwu fid-deċiżjoni tiegħu. Tispjega li ma kien hemm l-ebda prova ta' ness bejn it-tiswijiet li hija eżegwiet fuq l-*ice-machine* tal-*fridge-freezer* tal-appellat, u l-ħsara fil-*filter* tal-ilma tal-istess *fridge-freezer* li żviluppat xahrejn wara. Hija tirrileva qabel xejn li din il-*fridge-freezer* ma kinitx inxtrat mingħandha, iżda mill-esteru xi tnax-il sena qabel, u għalhekk ma kinitx taħt xi garanzija tagħha. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-ewwel ilment tal-appellat magħha kien li l-*ice-machine* ma kinitx qiegħda tagħmel silġ, u wara diversi spezzjonijiet irriżulta li kien hemm problema fil-*motherboard* li tħaddem l-istess *ice-machine,* u b'hekk din kellha tinbidel fil-5 ta' Mejju, 2021. Tkompli tispjega li xahrejn wara, l-appellat beda jilmenta li l-*fridge-freezer* kienet qiegħda tqattar l-ilma, u għalhekk hija kienet għamlet spezzjoni fis-6 ta' Lulju, 2021. Iżda kuntrarjament għal dak li kien qiegħed jargumenta l-appellat li t-tiswijiet fl-*ice-machine* kienu kkaġunaw it-tqattir tal-ilma, tgħid li hija kienet ipproduċiet diversi xhieda u evidenza li turi li din l-allegazzjoni ma kinitx fondata. Is-soċjetà appellanta tgħid li barra minn hekk it-Tribunal skarta wkoll l-opinjonijiet tal-esperti. Hija tagħmel riferiment għal dak li qal Tony Manevski, *technician* tagħha stess, fix-xhieda tiegħu tat-3 ta' Mejju, 2022, u tikkontendi li jekk tassew kienu t-tiswijiet li kkaġunaw it-tqattir tal-ilma, dan kien jirriżulta minnufih u mhux xahrejn wara. Hija tagħmel riferiment ukoll għal dak li qal ix-xhud Kenneth Francica, *after sales*

*manager* tagħha, fix-xhieda tiegħu tad-9 ta' Jannar, 2023, fejn spjega li l-*filter* kien jinsab fil-qiegħ tal-*fridge-freezer,* u ma kienx intmiss meta saru t-tiswijiet fuq l-*ice-machine.* Is-soċjetà appellanta tagħmel ukoll riferiment għal dak li qal it-*technician* tagħha Charlo Farrugia waqt is-seduta tal-10 ta' Ottubru, 2023, li kien preżenti ma' Kenneth Francica waqt l-ispezzjoni tas-6 ta' Lulju, 2021. Tgħid li madankollu t-Tribunal skarta dak li qalu l-esperti, u wara li ċċita dak li qal ix-xhud Tony Manevski fix-xhieda tiegħu tat-3 ta' Mejju, 2022, dwar il-*pipe* tal-ilma tal-*freezer,* huwa għamel riferiment għall-*filters,* ħaġa li ma ssemmietx bil-mod kif fehemha t-Tribunal. Tikkontendi li t-Tribunal fixkel il-kelma *pipe* mal-kelma *filter,* u ma kien sar l-ebda riferiment għal xi *filter* li jinsab fil-qiegħ tal-*fridge,* fejn tikkontendi li ma kien sar l-ebda xogħol. Hija tinsisti li ma kien hemm l-ebda negliġenza min-naħa tagħha, u hija dejjem imxiet b'mod professjonali u diliġenti fejn kienet ukoll ċemplet lill-appellat darbtejn wara li ġew eżegwiti t-tiswijiet sabiex taċċerta ruħha li kollox kien sew. Irrilevat li skont dak li qal l-appellat fl-affidavit tiegħu stess, il-*fridge-freezer* kellha bżonn xi tiswijiet żgħar minn żmien għal żmien, u ssostni li t-tiswija relatata mat-tqattir tal-ilma kienet proprju għaliex din kienet tiswija neċessarja oħra fid-dawl tal-fatt li l-imsemmija *fridge-freezer* kienet ilha tintuża iktar minn għaxar snin. Tissuġġerixxi li kien hemm wkoll diversi fatturi oħra li setgħu wasslu għal ksur fil-*housing filter.* Is-soċjetà appellanta tirrileva li għalkemm l-appellat allega li huwa kien ġarrab diversi ħsarat riżultat tat-tnixxija tal-ilma mill-*fridge-freezer,* huwa ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' dan, għajr irċevuta tal-ħlas li huwa kien għamel għar-restawr ta' xi pitturi, u dan fejn huwa qatt ma kien ilmenta mat-*technicians* li t-taqtir ta' l-ilma kien wassal sabiex jixxarrbu xi oġġetti. Tagħlaq billi tinsisti li d-deċiżjoni appellata hija waħda perikoluża, għaliex tista' twassal sabiex wieħed

jippretendi li l-aġent, u dan kontra kull raġunament u liġi, għandu jagħmel tajjeb għal kull ħsara li tirriżulta f'*appliance* qadima u mhux koperta iktar b'garanzija.

10. L-appellat jissottometti li kif sewwa rrileva t-Tribunal, il-partijiet ma kienux qegħdin jaqblu fuq jekk is-soċjetà appellanta kinitx wettqet xogħolha sew meta għamlet it-tiswijiet fuq l-*ice-machine* tal-*fridge-freezer* in kwistjoni, għaliex l-*housing* tal-*filter* tal-ilma kien deher maqsum u kien qiegħed jagħmel l-ilma. Jispjega li huwa qatt ma għamel riferiment għal xi garanzija, u huwa kien ikkuntattja lis-soċjetà appellanta bħala rappreżentanta tad-ditta *Whirlpool* sabiex hija twettaq it-tiswijiet neċessarji. Jgħid li għalhekk huwa rrilevanti kemm il-*fridge-freezer* kienet ilha għandu. L-appellat jgħid li huwa wkoll irrilevanti l-argument ta' *fair wear and tear,* u li seta' kien huwa stess li kkawża l-ħsara. Isostni minflok li l-ħsara setgħet ġiet ikkawżata meta l-*fridge-freezer* kellha tiċaqlaq minn postha sabiex isiru t-tiswijiet neċessarji. Filwaqt li jagħmel riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kap. 12, l-appellat isostni li huwa mar oltre l-prinċipju bażiku ta' bilanċ ta' probabbilità, għaliex iċ-ċaqliq tal-*fridge-freezer* kien sar proprju meta ħadmu fuqha t-*technicians* tas-soċjetà appellanta, u għalhekk il-ħsara fil-*housing filter* ġie kkaġunat minnhom stess. Huwa jagħmel riferiment għax-xhieda ta' Tony Manevski tat-3 ta' Mejju, 2022, u anki dik ta' Kenneth Francica, fejn sar riferiment għall-*emails* tiegħu lill-appellat stess, u jistaqsi li fid-dawl ta' dak li ntqal, kif tista' s-soċjetà appellanta tikkontendi li ma kien hemm l-ebda konnessjoni bejn l-*ice-machine* u l-*housing filter*. Irrileva li t-Tribunal kien qabel miegħu fejn huwa kien qal li t-*technician* kien negliġenti meta ma ndunax bil-ħsarat, u jikkontendi li ġaladarba dan kien impjegat tas-soċjetà appellanta, hija kienet responsabbli għalih *ai termini* tal-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili. Dwar l-argument tas-soċjetà appellanta li huwa

kien naqas milli jressaq id-debita prova fir-rigward tal-ħsarat sofferti minnu, l-appellat jgħid li dan huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt. Jirrileva li l-ħsarat kienu ġew ikkonfermati mix-xhud Charles Hallet waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju, 2022. Jgħid li huwa kien sofra diversi ħsarat riżultat tat-taqtir tal-ilma, u l-ilma kien ilu nieżel, u dan minn meta saru t-tiswijiet mit-*technicians* tas-soċjetà appellanta. Dwar il-kontro-talba li għamlet is-soċjetà appellanta għall-ħlas ta' €80 rappreżentanti *on-site inspection* fuq il-*fridge-freezer* li għamlu żewġ *technicians* minn tagħha, l-appellat jsostni li ġaladarba t-tiswijiet saru b'mod negliġenti u rriżultaw f'ħsarat u danni ulterjuri fil-proprjetà tiegħu, is-soċjetà appellanta ma setgħetx tippretendi li titħallas. Fl-aħħarnett l-appellat jikkontendi li skont is-subartikolu 8(2) tal-Kap. 380, l-appell odjern mhuwiex ammissibbli ġaladarba ma jissodisfax id-dispożizzjonijiet tal-para. (a) sa (d) tal-istess subartikolu.

11. Il-Qorti qabel xejn ser tikkunsidra l-aħħar punt li qiegħed iressaq l-appellat fis-sottomissjonijiet tiegħu. Tikkunsidra li l-appell odjern ma jittrattax kwistjoni li għandha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal, u lanqas mal-preskrizzjoni tat-talba jew dawk imsemmija taħt is-subartikolu 7(2) tal-Kap. 380. Jonqos b'hekk li l-Qorti tikkunsidra jekk l-aggravju tas-soċjetà appellanta jinkwadrax fil-parametri stabbiliti fil-para. (d) tas-subartikolu 8(2) tal-Kap. 380, iżda dan neċessarjament jitlob li jsir eżami wkoll tal-provi li tressqu mill-partijiet.

12. Is-subartikolu 8(2)(d) tal-Kap. 380 jipprovdi li jista' dejjem issir appell:

> "(d) meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella.".

Il-Qorti tibda billi tirrileva li ma jidhirx li s-soċjetà appellanta qiegħda tagħmel xi allegazzjoni ta' nuqqas ta' imparzjalità min-naħa tat-Tribunal, iżda minflok tikkontendi li dan *"ma kienx ekwu u ġust fid-deċiżjoni tiegħu",* għaliex ma kienx hemm ness bejn it-tiswijiet li hija eżegwiet, u l-ħsarat allegati mill-appellat.

13. Il-Qorti tgħid li s-soċjetà appellanta għandha raġun, u tikkunsidra li s-sentenza appellata mhijiex waħda ekwa. Hija ma ssib xejn fil-provi li juri li hemm ness bejn it-tiswijiet li ġew eżegwiti mis-soċjetà appellanta, u t-tnixxija ta' ilma li żviluppat mill-*housing* tal-*filter,* u mhux minn *pipe* kif ikkostata t-Tribunal. Ċertament dan iwassal għal preġudizzju fil-konfront tas-soċjetà appellanta li m'għandhiex tinstab responsabbli b'mod daqstant frivolu. Il-Qorti tqis li ftit li xejn kien possibbli li l-ħsara fil-*housing* tal-*filter* li rriżultat fl-imsemmija tnixxija, setgħet ġiet ikkawżata mill-impjegati tal-istess soċjetà appellanta meta dawn ħadmu fuq l-*ice-machine,* tenut kont li din tal-aħħar tinstab fil-bieba fuq in-naħa ta' quddiem tal-*fridge-freezer,* u l-*filter* jinsab fuq in-naħa ta' isfel.[1] L-appellat fit-talba tiegħu jikkontendi li l-aġenti tas-soċjetà appellanta kellhom jindunaw li l-*housing* tal-*filter* kien miksur, iżda hawnhekk ukoll il-Qorti ma ssib l-ebda prova li tista' tissostanzja dan l-argument, l-aktar minħabba dak li appena ngħad u anki għaliex ma jirriżultax li kien hemm xi tnixxija tal-ilma dakinhar li saru t-tiswijiet fuq l-*ice-machine.*[2]

---

[1] Ara r-ritratti "Dok. KF" *a fol.* 53 u "Dok. KF7" a *fol.* 60. Ara l-*email* ta' Kenneth Francica tas-27 ta' Lulju, 2021, *a fol.* 62 u anki ix-xhieda tiegħu tal-10.10.2023, fejn dan qal *"So din il-friġġ il-ħsara li kellha qabel kien fuq barra u issa qiegħda fuq wara fuq taħt fejn aħna anqas biss missejnih".*
[2] Ara x-xhieda ta' Tony Manevski waqt is-seduta tat-03.05.2022.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tilqa' l-appell tas-soċjetà appellanta, u tħassar, tannulla u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, a tenur tas-subartikolu 8(4) tal-Kap. 380 tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-imsemmija soċjetà appellanta, u tiċħad it-talbiet tal-appellat, tilqa' l-kontro-talba li ressqet is-soċjetà appellanta, u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellat fil-konfront tagħha, u tiddikjara li l-istess appellat huwa debitur tas-soċjetà appellanta fis-somma ta' tmenin Euro (€80.00), u tikkundannah li jħallas dan l-ammont, flimkien mal-imgħax mid-data tal-fatturi relattivi tas-6 ta' Lulju, 2021, sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjeż kollha ta' dan l-appell u tal-ewwel istanza, huma a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**